# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : 7 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 4 ta' Frar 2010 fis-6.00pm.**

# L-Ewwel Seduta

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużat** | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Sandro Gatt |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Awtorizżazzjoni tal-Ħlasijiet.
4. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Approvazzjoni tat-*Third Quaterly Report* mill-1 ta' April 2009 sa l-aħħar ta Diċembru 2009, l-approvazzjoni tal-*financial statement* minn Marzu 2009-Diċembru 2009.
8. Approvazzjoni tal-Budget għas-sena finanzjarja 2010.
9. Analiżi u aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni *SEAP (Sustainable Energy Action Plan)* MLC 01/2010
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Acting Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti:***

1.1 **Laqgħa Nru 6(1) tal-15 ta' Diċembru 2009:**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li trid tiġi rrenġata l-ewwel paġna tal-minuti għaliex huwa daħal għall-laqgħa tal-Kunsill fis-7.00p.m u mhux fis-7.30p.m

1.1.2 Is-Sindku qal illi l-paragrafu 1.1.2 għandu jinqara hekk:

*Is-Sindku qal li kienu qablu fil-laqgħa mas-Surmat ta' l-Iskola li għandhom isiru żewġ junctions u l-karozzi m'għandhomx jitħallew jitilgħu quddiem l-Iskola fil-ħinijiet indikati hawn taħt.*

*Ħinjiet tax-xitwa : mit-8.00a.m sa 8.45a.m*
*mis-1.45p.m sa 2.30p.m*
*Ħinjiet tas-sajf : mit-8.00a.m sa 8.45a.m*
*Mil-11.15a.m sa 12.00p.m*

*Is-Sindku qal li fl-interess tat-tfal tal-komunita` tagħna li jattendu l-Iskola Primarja tal-lokal, il-Kunsill qabel unanimament illi peress li hemm periklu kbir, f'din l-akwata isiru l-imsemmija junctions u tabelli tal-parkeġġ bil-ħinijiet imsemmija għaliex li kieku kellna nistennew l-approvazzjoni min-naħa tal-Trasport Malta żgur li konna nieħdu fit-tul. Nagħmila ċara li din mhux qed issir bi sfida, iżda biex wieħed jevita xi nċident fatali fejn l-iskola msemmija*

*Għaldaqstant il-Kunsill ordna lis-Segretarju Eżekuttiv biex isir ix-xogħol.*

1.1.3 Is-Sindku kompla u qal li paragrafu 1.1.4 għandu jitneħħa.

1.1.4 Is-Sindku qal li paragrafu 1.1.5 għandu jinbidel kollu ma dan li ġej:

*Is-Sindku qal li hu fl'ebda ħin ma dar lejn il-Viċi Sindku u qallu b'leħen għoli biex imorru 'l barra u ngħalqu l-laqgħa iżda meta beda jara l-arroganza u r-ras iebsa u stinata tal-ex Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku u qallu "jien ma dan is-Segretarju ma nistax naħdem u jekk trid mexxi int".*

1.1.5 Is-Sindku kompla bil-korrezzjoni u qal li f'paragrafu 1.1.6 għanda tiżdied sentenza li tgħid hekk:

*Is-Sindku kien jaf li s-Segretarju Eżekuttiv mhux qed jgħid il-verita u b'hekk sfidaħ biex isemma it-tape lill-Kunsilliera preżenit iżda r-risposta tas-Segretarju kienet li kien ħassru.*

1.1.6 Rigward paragrafu 1.2.2 Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni kif kienet ġrat dak in-nhar. Huwa qal li dak in-nhar kien hawn *chaos* sħiħ. Huwa stess kien rahom il-flus, iżda l-flus ma nstabu mkien wara.

Kien hemm qbil uanimu li dan huwa każ ġenwien u mportanti l-flus li jiġu rimborsati:

Għaldaqstant ma dan il-paragrafu għandu jiżdied dan li ġej:

*Is-Sindku qal li dan kien każ pjuttost ftit delikat u ma kienx ħin li jiġi diskuss dak il-ħin għax ma kienx il-waqt. Is-Sindku qal ukoll li kien għaddej f'diskussjoni mal-persuna konċernata biex wieħed jasal għal arranġamenti u l-flus(€195) jiġu rimborsati fil-kont tal-Kunsill.*

1.1.7 Paragrafu 1.1.7 għandu jiżdied dan li ġej

*Li hu (Sindku) ma kien qatt qal li l-laqgħa kienet magħluqa.*

1.1.8 Paragrafu 1.2.4 għandu jinbidel parti minnhu u jinqara kif imniżżel hawn taħt:

*Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Ciantar qal li fil-laqgħa kien staqsa għaliex il-kont Nru. 67 ta' Mirage Sound System kien daqshekk għoli. Hu qal li dak in-nhar is-Sindku kien qallu li fl-aħħar laqgħa kien ser jistaqsi lis-Sur Alfred Debono iżda rriżulta li fil-fatt dan qallu li s-servizzi ta' Chiara ma kienux nklużi fil-kont tal-Mirage Sound System. Is-Sur Alfred Debono qallu wkoll li anzi ħdejn ħaddieħor, dan huwa irħas u kien hemm żmien fejn kellna attivitajiet fejn l-istess kuntrattur kien ta s-servizz tiegħu mingħajr ħlas.*

1.1.9 L-aħħar paragrafu f'paġna 3 artiklu 1.2.5 għandu jinbidel kollu u jinqara hekk:

*Il-Kunsill ħallas is-servizzi ta' l-attivita` li l-membri tellgħu fid-dar ta' l-Anzjani ġewwa l-lokal tagħna. Din swiet €160.*

1.1.10 Rigward artiklu 1.3.1 il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dan il-paragrafu għandu jinqara hekk :

*Is-Sur John B. Camilleri rrimarka biex jerġa jsir double yellow line mal-kantuniera ta' Triq tal-Gardiel ma Triq in-Nadur.*

1.1.11 Il-Kunsill qabel unanimament illi paragrafu 1.3.6 għandu jinbidel kif imniżżel hawn taħt:

*Intqal li l-ELC għamlu kampjun billi ħawlu xi xtieli f'waħda mill-qsari li hemm fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku talab il-Kunsilliera biex imorru jarawha u jikkumentaw fuqha.*

1.1.12 Rigward paragrafu 1.3.7 il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega illi dakinhar huwa prova sabiex jitħawlu x-xtieli bil-kuntratt li kien onorat iżda hu kien irċieva e mail mingħand l-ex Segretarju Eżekuttiv fejn qallu li d-Dipartiment kien bagħatlina e mail dwar dan is-suġġett, għaldaqstant ġibna kwotazzjoni tax-xtieli mingħand ħaddieħor.

1.1.13 Is-Sindku propona li l-aħħar paragrafu ta' paġna 7 artiklu 3.2għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Fuq suġġeriment tas-Sindku l-Kunsill approva li qatt m'għandhom jinfetħu ittri li jkunu indirizzati personalment lejn xi Kunsillier partikolari iżjed u iżjed meta dawn ikunu 'private and confidential'. Is-Sindku qal ukoll li ma kienx qiegħed jirreferi għall-ittri li jiġu l-Kunsill indirizzati lis-Sindku Kunsill Lokali Marsaskala*

1.1.14 Rigward it-tieni paragrafu ta' paragrafu 3.3 is-Sindku ppropona li għandu jinqara hekk:

*Il-Kunsill approva li niktbuhom u ninfurmawhom li l-Kunsill ikun jista` joffri biss xi photocopies bla ħlas iżda mhux li jingħataw flus mill-Kunsill. Wara kollox din tmur kontra kull proċedura fil-liġi tal-Kunsill Lokali.*

1.1.15 Il-Sindku kkomunika lill-Kunsilliera preżenti illi l-permess tal-bandli ħareġ mill-MEPA.

1.1.16 Is-Sindku qal li minuta 8.2 tirreferi għal-minuta 7.4

1.1.17 Rigward paragrafu 8.3 is-Sindku ppropona li artiklu 8.3 jitħassar kollu u jitniżżel dan li ġej:

*Hekk kif is-Sindku kien ser jibda jaqra mozzjoni numru 117 li kienet tirrigwardaja it-*

*trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana, dan ta' l-aħħar bis-soltu arroganza qal "din il-mozzjoni ma tistax tinqara għax ma hiex skond ir-regola.*

*Is-Sindku nsista li għandha titressaq llum għax aneke l-aħħar darba ma tressqitx.*

*F'dan il-waqt is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ ittra mill-but tal-glekk u b'arroganza liema bħala tefaha fuq il-mejda quddiem is-Sindku peress li kienet indirizzata lis-Sindku mis-Sur Josef Vella Segretarju tal-Entitajiet Pubbliċi tal-Unjin Ħaddiema Maqgħudin u fejn hu (is-Segretarju) qal li kienet direttiva fir-rigward tiegħu u ħareġ il-barra.*

1.1.18 Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

1.1.19 **<u>Laqgħa Nru 6(2) tat-22 ta' Diċembru 2009:</u>**

Il-Minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

1.1.20 **<u>Laqgħa Nru 6(3) tal-21 ta' Jannar 2010:</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.21 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal illi paragrafu 2.19 l-aħħar sentenza għanda tinqara hekk :

*Din il-mozzjoni fil-preżent qiegħda titwettaq, minħabba li kienet ġiet approvata diġa fis-seduta numri 6 tal-15 ta' Diċembru 2009.*

1.1.22 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona emenda f'artiklu 3.0 sabiex l-emenda fil-mozzjoni proposta min-naħa tiegħu tinqara hekk:

*Ma jieħux il-massimu u lanqas il-minimu, iżda jieħu 7% għaliex kien hemm żmien fil-passat fejn ħa l-massimu u dan kien fl-1 ta' April 2009.*

1.1.23 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona illi it-tieni pargrafu tal-minuta 4.29 għadnu jiżdied dan il-kliem :

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid li huwa kien ħa d-dokumenti wara li kien ra lill-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett jagħti lura xi katalgi lill-ex Segretarju Eżekuttiv.*

1.1.24 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett ippropona li għandu jitniżżel dan li ġej mmedjatament wara l-emenda proposta mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

*Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett rrisponda li kien wera nteress u kien bagħat e mail għad-dettalji jumejn qabel is-seduta lis-Segretarju Eżekuttiv. L-ex Segretarju Eżekuttiv kien tah xi katalgi oriġinali li kien irritorna lura qabel il-laqgħa iżda dawn kienu biss xi ftit katalgi. Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett żied jgħid li huwa talab għal kopji u fl-envelopes sab xi uħud mill-katalogi oriġinali.*

- ***Fis-7.15p.m, il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti minħabba li kien hemm xi residenti jilmentaw. Fis-7.30p.m il-Kunsill kompla bil-laqgħa**.*

1.1.25 Il-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb ittra lill-Ispettur sabiex taħt l-ebda ċirkostanza ma jsir bejgħ ta' ħut minn fuq iċ-ċint jew fuq il-promenade dan peress li ma rridux noħolqu xi tip ta' nkonvenjent għall-villeġjanti li jżuru l-lokal tagħna. Dan għandu jsir skond il-liġi

1.1.26 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġiebet l-attenzjoni tal-Kunsill illi rigward paragrafu 2.1 diġa kien hemm l-approvazzjoni tal-Trasport Malta.

Għaldaqstant il-Kunsill approva unanimament sabiex niċċekjaw rigward din l-approvazzjoni. Isemma ukoll li kellna l-approvazzjoni sabiex issir *traffic calming* fi Pjazza Dun Tarcis qabel ma ddur għal Triq La Sengle.

Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

2.0 ***<u>Punti li joħorġu mill-minuti :</u>***

2.1 **<u>European Mini Parliament – Bellagia 8-11 April 2010 (35/2060/10/I) - Minti 6(3) par 4.3</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsill illi minn dakinhar 'l hawn il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ikkuntatjat lil *headmistress* u qaltilha li l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u 3 studenti mil-Form 3 ser jitilgħu Bellagio. Huwa kompla jispjega illi l-*headmistress* tagħtu l-ismijiet tat-tfajliet u b'kordinazzjoni magħha sar qbil sabiex jagħmlu l-*interviews* magħhom bl-iktar mod trasparenti

2.2 **<u>Flooring għall-Iskola Primarja - Minuti 6(3) par 4.11:</u>**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġiet infurmata illi l-ħaddiema tal-IPSL marru u ħadu l-qisien tar-*rubber flooring*.

2.3 **<u>Grupp mis-Slovakia (35/0301/10/I) – Minuti 6(3) par 4.6 :</u>**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne nfurmat il-Kunsilli illi l-grupp mis-Slovakia ser jasal Malta nhar l-Erbgħa 10 ta' Frar. Hija komplit tgħid illi l-programm kien lest u ġie mniedi mis-Sotto Kumitat tal-Kultura. Kull min kien interssat jistgħa jinforma lilha.

Is-Sindku żied billi qal li r-rapport huwa lest u li dawn il-*majorettes* ser joqgħodu ġewwa l-*Ocean Reef*. Huwa kompla jgħid illi dan il-grupp ser noħduhom il-*Palm Valley, Waterline, Grabiel, Driftwood u ż-Żonqor Point* restorants.

Ingħataw aktar dettalji ta' rigward il-programm li ġie imħejji għal dan il-grupp.

2.4 **<u>Youth project – Jundenberg (35/4131/09/I) – Minuti 6(3) par 4.2:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi rigward Jundenberg u t-Tunesia qegħdin jsiru l-arranġamenti neċessarji.

2.5 **<u>Żewġ tenders nieqsa tas-Supply and Installation of Bins and Benches KLM 2009/06 – Minuti 6(3) par 4.30:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li wara l-korrsipondenza li nkitbet fil-gazzetta, imbagħad kien hemm risposta mis-Sindku u rrefera għall-ittra u s-sentenza fejn ġie ddikjarat mis-Sindku li d-dokumeti ma kienux mittiefsa u ta dan huwa wera l-apprezzament tiegħu.

2.6 **Paragrafu 2.3 – Mozzjoni #118 – Minuti 6(3):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa f'hiex wasalna rigward din il-mozzjoni.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb billi qal li s-suġġetti kollha dwar applikazzjonijiet tal-UIF ġew irriferuti lill-Perit.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri offra li jagħti l-għajnuna lill-Perit li se japplika għan-nom tal-Kunsill.

2.7 **Paragrafu 2.7 – Mozzjoni #118 – Minuti 6(3):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa f'hiex wasalna fuq din il-mozzjoni.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien informa lil-Perit biex japplika.

2.8 **Paragrafu 2.9 – Mozzjoni #124 – Minuti 6(3):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri iċċara li din il-mozzjoni propjament hija responsabilita tal-Kunsill pero xorta waħda ser niktbu lill-MTA forsi jgħamluha huma.

2.9 **Paragrafu 2.20– Mozzjoni #135 – Minuti 6(3):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-*patching* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas ma sarx tajjeb. Is-Sindku qal illi peress li kien il-maltemp se jkomplu l-ġimgħa d-dieħla.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill illi r-*rumble strips* li kienu saru min-naħa ta' L-Trasport Malta għandhom jitneħħew bħalma tneħħew mill-postijiet l-oħra kollha ta' Malta.

Kien hemm qbil unanimu li jitneħħew mill-ħaddiema ta' l-IPSL.

3.0 ***Ħlasijiet :***

3.1 **Ħlasijiet b'urġenza :**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **M.Quipp** | 2nd Advance/part payment | 16/12/2009 | | 3000.00 |
| 2 | **Mrs. Claire Attard** | Support Service Clerk Dec 09 | 24/12/2009 | | 735.00 |
| 3 | **Ms. Chantel Zammit** | Support Service Clerk Dec 09 | 24/12/2009 | | 1055.60 |
| 4 | **R & A Waste Service Ltd** | Refuse Collection | 30/12/2009 | | 9799.23 |
| 5 | **Selves** | Petty Cash - Dec 09 | 31/12/2009 | | 226.79 |
| 6 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 4/1/2010 | | 30.00 |
| 7 | **Maltapost** | 500 Stamps | 7/1/2010 | | 95.00 |
| 8 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 15/1/2010 | | 30.00 |
| 9 | **Assoc. Kunsilli Lokali** | Tigdid tal-Polza ta' l-assigurazzjoni | 15/1/2010 | | 63.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | **Enemalta** | Application for removal of pole from Triq is-Silla c/w Triq tal-Hamrija | 28/1/2010 | | 23.29 |
| 11 | **Assoc. Kunsilli Lokali** | TV Slots | 28/1/2010 | | 200.00 |
| 12 | **Mr. Christopher Brincat** | Flights to Praga | 28/1/2010 | | 951.00 |
| 13 | **Mr.Anthony Portelli** | Office Rent Feb-April 2010 | 28/1/2010 | | 2445.84 |

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***€*** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Graphics** | Newspapers | 13/1/2010 | 59807 | 158.55 |
| 2 | **PC Wizards** | Printers and 3 Cd Roms | 12/1/2010 | 160 | 205.00 |
| 3 | **Gente Di Mare** | Lunch | 16/1/2010 | 5491839 | 1026.25 |
| 4 | **Multiprint** | A4 P.V.C Stickers | 19/1/2010 | 2194 | 110.00 |
| 5 | **Grezzju Azzopardi Florist and Nursery** | Flowers- 6/9/09 & 5/11/09 | 30/11/2009 | 16723 | 50.00 |
| 6 | **Grezzju Azzopardi Florist and Nursery** | Flowers funeral 28/12/09 | 29/12/2009 | 16749 | 20.00 |
| 7 | **Zet Ltd.** | 50 folding chairs | 21/12/2009 | 1449 | 524.00 |
| 8 | **Parocca Sant'Anna (Fund Raising Group)** | Coffe Morning Anzjani | 14/12/2009 | | 435.00 |
| 9 | **Med Design Associates** | Professional Fees UIf app., Estimates and Printing Expenses | 9/1/2010 | 30003371 | 650.00 |
| 10 | **Cleansing Services Dept.** | Public Conveniences December | 5/1/2010 | MLC/09/120610 | 655.15 |
| 11 | **Mr.Hugh Munro** | Cleaning of Parish Hall – Bibita - 9/1/10 | 11/1/2010 | | 23.00 |
| 12 | **Baron Confectionery Ltd.** | Children Xmas Party | | | 142.00 |
| 13 | **Zahra Enterprises Ltd.** | Grass Cutter | 7/1/2010 | 453983 | 282.75 |
| 14 | **Leisure Animation Enterprises** | Children's Party Animation | 30/12/2009 | 09-182 | 70.80 |
| 15 | **Golden Gate Co Ltd.** | Stationery | 25/1/2010 | 341689 | 40.17 |
| 16 | **Golden Gate Co Ltd.** | Computer mouse | 4/1/2010 | 340164 | 9.07 |
| 17 | **Golden Gate Co Ltd.** | Stationery | 21/12/2009 | 339945 | 10.58 |
| 18 | **Golden Gate Co Ltd.** | Stationery | 18/1/2010 | 341195 | 177.00 |
| 19 | **Mailbox Services Ltd.** | Magazine distribution | 29/12/2009 | 832 | 110.12 |
| 20 | **Puttinu Cares** | Funds from children's Christmas Party | | | 260.00 |
| 21 | **Joseph P.Pavia** | Photos - Visit Dar l-Anzjani 27/12/09 | 27/12/2009 | | 20.00 |
| 22 | **Joseph P.Pavia** | Photos - Signing of Agreement with Greenmount | 7/1/2010 | | 20.00 |
| 23 | **Joseph P.Pavia** | Photos – Christmas Crib | 10/12/2009 | | 40.00 |
| 24 | **Bitmac (Works) Ltd.** | Instant rd. Repair | 31/12/2009 | 11594 | 153.87 |
| 25 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | Dec '09 | 2652 | 63.09 |
| 26 | **Ms.A.Sant** | Librarian | December | | 111.80 |
| 27• | **Karmig Ltd.** | Pavement Triq il-Hortan and Fajtata | 19/1/2010 | 25100-01-32 | 5033.63 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 28• | **Karmig Ltd.** | Planters-Bajja San Tumas | 14/12/2009 | 25100-01-26 | 222.90 |
| 29 | **Union Print Ltd.** | Printing of 4000 magazines | 14/12/2009 | PI000990 | 2094.75 |
| 30 | **Advanced Telecomm. Ltd.** | Installation of Publisher and cheking of Printers | 18/12/2009 | | 47.20 |
| 31 | **Advanced Telecomm. Ltd.** | Laptop | 19/1/2010 | 41137 | 908.60 |
| 32 | **Image Systems Ltd.** | Photocopier rent | 30/11/2009 | Rent 036172 | 60.52 |
| 33 | **Image Systems Ltd.** | Photocopier rent | 31/1/2009 | Rent 036820 | 66.32 |
| 34 | **Asfaltar Ltd.** | Open Grade Emolusion Mix | 16/12/2009 | 1501 | 476.60 |
| 35 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs | 25/11/2009 | 12284 | 217.60 |
| 36 | **Stainless Structures** | Tiswija ta’ spralli Triq id-Dugh | 15/12/2009 | 78 | 118.00 |
| 37 | **Stainless Structures** | New structure for playing field horse | 9/12/2009 | 74 | 277.30 |
| 38 | **MB Distributions Ltd.** | Ink Cartridges | 14/12/2009 | 293881 | 165.34 |
| 39 | **MB Distributions Ltd.** | Ink Cartridges | 15/1/2010 | 100488 | 161.53 |
| 40 | **MB Distributions Ltd.** | Ink Cartridges | 13/1/2010 | 100282 | 244.26 |
| 41• | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting – Alley Triq il-Mahsel/ triq il-Qaliet | 30/11/2009 | 28 | 50.00 |
| 42 • | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting in non Urban Roads | 30/11/2009 | 23 | 177.08 |
| 43 • | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting in non Urban Roads | 30/12/2009 | 24 | 486.97 |
| 44 | **Toni’s Wines & Spirits** | Bibita ‘09 Drinks | 8/1/2010 | 1023425 | 937.15 |
| 45 | **Toni’s Wines & Spirits** | Soft Drinks and cups for Children’s party | 28/12/2009 | 60176631 | 42.73 |
| 46 | **Toni’s Wines & Spirits** | Drinks Credit Note | 11/1/2010 | 190806 | -141.19 |
| 47 | **Toni’s Wines & Spirits** | Drinks Credit Note | 12/1/2010 | 190867 | -112.70 |
| 48 | **Go plc.** | Bill for 21632861/21633887/21637171 | 6/1/2010 | 10027397 | 173.23 |
| 49 | **Go plc.** | Telephone Bills 21637744 | 6/1/2010 | 23069533 | 23.39 |
| 50 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Wardens Dec 2009 | 7/1/2010 | JC-009/MSA | 4075.71 |
| 51 | **Carmen Fearne** | Children Party Bags and Snacks | 8/12/2009 | | 61.00 |
| 52 | **MUSEUM** | Services Rendered | 3/1/2010 | | 160.00 |
| 53 | **Vodafone** | Internet Connection | 1/1/2010 | 1811606012010 | 23.97 |
| 54 • | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 12/1/2010 | 963 | 275.61 |
| 55 • | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 12/1/2010 | 962 | 591.40 |
| 56 • | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 12/1/2010 | 961 | 406.04 |
| 57 | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting (Xmas Light) | 18/1/2010 | 2008564 | 1601.39 |
| 58 | **Standard Pubblications** | Advert | 31/12/2009 | 69442 | 46.26 |
| 59 | **Stainless Structures** | 2 culverts Triq id-Dugh and Triq Sant'Antin | 11/1/2010 | 81 | 708.00 |
| 60 | **Go plc (Mobisle Communications)** | Mobile Calls | 12/1/2010 | RB-457996-2009 | 1,061.58 |
| 61 | **Horace Enterpriseses Ltd** | 4 tokens | 19/1/2010 | 4608 | 44.37 |
| 62 | **Mr. Adrian Scibberas** | Accountancy | 27/1/2010 | AS09-2010 | 691.84 |
| 63 | **Mrs. A Vento** | Services Rendered Flower Arrangemnt | 19/1/2010 | | 100.00 |
| 64 | **Mrs. Monica Vella** | Services Rendered Art Lessons | 19/1/2010 | | 175.00 |
| 65 | **Ms. Sandra Galea** | Services Rendered Crafts Lessons | 19/1/2010 | | 275.00 |
| 66 | **Mr. Albert Catania** | Books | 21/1/2010 | | 12.00 |
| 67 | **Retina Telecom Ltd** | Telephone Repairs | 20/1/2010 | 59672 | 48.38 |
| 68 | **J & A General Op. Ltd** | Trip from M'Skala to Dolmen Hotel | 17/1/2010 | J604 | 68.44 |
| 69 | **WasteServ Malta Ltd** | Hiring of Bins Dec 2009 | 13/1/2010 | 54654 | 296.59 |
| 70 | **WasteServ Malta Ltd** | Dumping of mixed waste Dec 09 | 13/1/2010 | 54655 | 5005.59 |
| 71• | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting | 30/12/2009 | 24 | 3577.53 |
| 72• | **Mr. Ronald Bezzina** | Hasil ta' Triq Sant'Anna u Triq tal-Gardiel | 30/12/2009 | 29 | 150.00 |

## LISTA TA’ ĦLASIJIET ADDIZJONALI – 4/2/10 #7(1)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 | **Swallow Ltd** | Coach from M'Skala and return | 21/12/2009 | | 54.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 74 | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 28/1/2010 | 966 | 527.80 |
| 75 | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 28/1/2010 | 967 | 374.70 |
| 76 | **Mrs A. Sant** | Librarian Jan 10 | Jan-10 | | 111.80 |
| 77 | **Happy Paws Animal Clinic** | Heart for Happy Paws | 29/1/2010 | 3465191 | 25.00 |
| 78 | **Advanced Telecomm. Ltd.** | Toner | 29/1/2010 | 41173 | 283.05 |
| 79 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 4/1/2010 | 12449 | 530.24 |
| 80 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 18/11/2009 | 12196 | 164.25 |
| 81 | **Mr. Chris Brincat** | Increase in flights to Praga | 1/2/2010 | | 63.00 |
| 82 | **MITA** | Maintenance & Support Connectivity | 27/1/2010 | SIN022743 | 56.29 |
| 83 | **Mr. Ronald Bezzina** | Bulky Refuse - December 09 | 30/12/2009 | 3 | 961.88 |
| 84 | **Mr. A Bartolo** | Tindif hdejn il-bridge | 28/1/2010 | 94 | 88.50 |
| 85• | **Mr. Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting | 30/1/2010 | 25 | 3577.53 |
| 86 | **John G. Cassar** | Playground items | 29/1/2010 | 144435 | 5195.65 |
| 87 | **Cleansing Services Dept.** | Public Conveniences January | 2/2/2010 | MLC/10/10027 | 655.15 |
| 88 | **Eco Pure** | Water | 1/2/2010 | | 218.90 |
| 89 | **Mrs. Sharon Schembri** | Fuel Expenses | 3/2/2010 | | 6.72 |
| 90 | **Horace Enterpriseses Ltd** | 7 Trophies | 1/2/2010 | 4614 | 29.50 |
| 91 | **Historical Re-Enactment Group** | Re Enactment M.W | 28/12/2009 | | 1099.46 |
| 92 | **ARMS Ltd** | Office Electricity Bill | 29/1/2010 | 12041053 | 1118.48 |
| 93 | **Hempel** | Paint | 4/2/2010 | 11912146 | 214.17 |
| 94 | **Golden Gate Co Ltd.** | Stationery | 2/2/2010 | 342262 | 194.52 |
| 95 | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 4/2/2010 | 1629 | 124.02 |
| **Pagamenti numri 74, 75, 77 and 86 ġew ikkanċellati** | | | | | |

- Il-pagament nru 77, tneħħa għax inħarġu l-flus mill-ħaddiema u l-Kunsilliera.
- Il-pagament nru 86, tneħħa għax mhux ser jitħallas għalissa.
- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward il-pagament nru 57 rigward id-dawl tal-Milied. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġbu illi mxejna mar-rati tat-*tenders*.
- Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-pagament nru 29 minħabba li l-Union Print kellom jagħmlu 4500 kopja u minflokk għamlu 4000kopja.
- Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa x'kienu it-*tokens* tal-pagament nru 61. Is-Sindku spjega li kienu tal-prespji
- Il-pagamenti numru 74 u 75 ma jitħallsux sakemm jiġu ċċekjati u approvati

  Il-Kunsill approva unanimament dawn il-ħlasijiet.

❖ ***Intalbu sospenzjoni tar-regolamenti***

4.0 ***Kwotazzjonijiet :***

4.1 **S.E.A.P(Sustainable Energy Action Plan) :**

Is-Sindku innota li *Econing* ma nkludux is-siegħat għalkemm il-Kunsill ma talabx għalihom. Din il-kwotazzjoni kient l-orħos u kien hemm differenza ta' xi €1000

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal sabiex nistaqsu lill-*Econing* in-numru ta' siegħat allokati.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li l-iktar ħaġa mportanti hija r-riżultat għaliex diffiċli ħafna tikkwantifika s-siegħat.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tintgħażel l-orħos offerta minħabba li diffiċli tikwantifika s-siegħat.

4.2 Il-Kunsill qabel unanimament sabiex inbiddlu t-tappizzerija tas-siġġijiet.

4.3 **<u>Financial Staments, Budget u Quaterly Report:</u>**

Il-Kunsilliera ġew preżentati il-*budget* minn Jannar sa Diċemmbru 2010, r-rapport finanzjarju mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 u l-*quaterly report* minn Ottubru sa Diċembru 2009

Wara li s-Sur Adrian Sciberras spjega dawn id-dokumenti, l-Kunsill unanimament approva l-budget, ir-rapport finanzjarju u l-*quaterly report*.

4.4 **<u>Tender Non Urban Roads:</u>**

Sar qbil unanimu illi s-sejħa għall-offerti tan-Non Urban Roads ma terġax toħroġ hekk kif jagħlaq it-tender

4.5 **<u>Tenders:</u>**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi ħarġu dawn it-tender:

KLM 2010/01 : Accountant
KLM 2010/02 : EU Funding Consultancy Services
KLM 2010/03 : Supply and Installation of Litter Bins and Benches
KLM 2010/04 : Construction of a Public Garden at Triq tal-Ħamrija, Triq is-Sibbien and Triq l-Isfar

Is-Sindku informal ill-Kunsilliera sabiex noħorġu *tender* sabiex jsir ir-*railing* fejn m'hemmx fi Triq il-Qaliet bejn Villa Sant'Anna u l-Bajja San Tumas u napplikaw għal-fondi tal-U.I.F.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan

4.6 **<u>Sotto Kumitat Wirt Sotiku:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri propona sabiex is-Sinjura Sharon Sultana tidħol membru f'dan is-Sotto Kumitat.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħareġ mill-laqgħa fid-9.00p.m***

4.8 **<u>Email u Internet :</u>**

Il-Kunsill approva unanimament sabiex kull impġjegata jkollha *email* u *internet account* separat kif suppost, filwaqt li jsiru l-arranġament neċessarji sabiex titjieb l-amministrazzjoni.

5.0 ***Kommunikazzjoni:***

5.1 **PA 04411/09 – Pompa tal-Petrol (35/0546/10/I) :**

Is-Sindku ppreżenta l-komunikazzjoni rigward il-permess hawn fuq imsemmi. Ġie nnotat illi din il-pompa tal-petrol ġejja viċin wisq tal-*family park*.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament illi noġġezzjoni minħabba l-fatt li din il-pompa tal-petrol f'Marsaskala ġejja viċin wisq tal-*family park*. Il-Kunsill jaqbel mal-prinċipju li ssir pompa tal-petrol iżda mhux daqshekk viċin tal-*family park.*

5.2 **Riżenja tal-Accountant:**

Is-Sur Adrian Scibberas spjega li ser jirtira mill-kariga ta' l-*Accounatant* biex jagħmel il-projoritajiet tiegħu.

Is-Sindku stqarr li dan kien żmien ħażin peress li kien għadu kif telaq l-ex Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill irringrazzja lill-*Accountat* tas-servizz professjonali mogħti minnu lill-Kunsill.

5.3 **Kwotazzjoni għall-letterheads, with compliments u l-invitations:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill sabiex inġibu kwotazzjoni tal-*letterheads* printjati lesti fuq il-karti, tal-*with compliments* u l-*invitations*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4 **Emergency Lights:**

Sar qbil unanimu sabiex jintraw żewġ emergency lights għall-meta jinqagħta d-dawl u jkun hawn il-korsijiet filgħaxija jkun perikoluż sabiex tinżel tlett sulari taraġ fid-dlam.

6.0 ***Aġġornament :***

Fid-9.30p.m il-laqgħa ġiet aġġornata mingħajr data minħabba fi żmien ġimgħatejn kellha ssir il-Laqgħa Pubblika. Id-data tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa titħabbar iktar tard.

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |